



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

14 ta' Marzu 2019*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Artikolu 1(2) – Artikolu 6(1) – Kuntratt ta' self ddenominat f'munita barranija – Differenza fir-rati tal-kambju – Sostituzzjoni b'dispożizzjoni leġiżlattiva ta' klawżola inġusta ddikjarata nulla – Riskju tal-kambju – Kuntratt li jibqa' fis-seħħ wara t-tneħħija tal-klawżola inġusta – Sistema nazzjonali ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt”

Fil-Kawża C-118/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mressqa mill-Budai Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Jannar 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Marzu 2017, fil-proċedura

Zsuzsanna Dunai

vs

ERSTE Bank Hungary Zrt.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal (Relatur), President tal-Awla, F. Biltgen, J. Malenovský, C.G. Fernlund u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal ERSTE Bank Hungary Zrt., minn T. Kende, ügyvéd,
- għall-Gvern Spanjol, minn M. Z. Fehér, bħala aġent,
- għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Tokár u A. Cleenewerck de Crayencour, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2018,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282), tal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll tal-prinċipji fundamentali tad-dratt tal-Unjoni ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, ta' nondiskriminazzjoni, ta' rimedju għudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq.
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Zsuzsanna Dunai u ERSTE Bank Hungary Zrt. (iktar 'il quddiem il-“bank”), dwar in-natura allegatament inġusta ta' klawżola kuntrattwali li tipprevedi li r-rata tal-kambju applikabbli għar-rilaxx ta' self iddenominat f'munita barranija hija bbażata fuq ir-rata tax-xiri applikat mill-bank, filwaqt li r-rata tal-kambju applikabbli għar-rimbors tiegħu hija bbażata fuq ir-rata tal-bejgħ.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dratt tal-Unjoni

Id-Direttiva 93/13/KEE

- 3 Skont it-tlettax u l-wieħed u għoxrin premessa tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288):

“Billi d-disposizzjonijiet statutorji jew regolatorji ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu direttament jew indirettament il-klawżoli tal-kuntratti tal-konsumatur huma preżunti li ma' fihomx klawżoli inġusti; billi, għal dan il-għan, ma jidhirx li huwa meħtieġ li jiġu assoġġettati l-klawżoli li jirriflettu disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji u l-prinċipji jew id-disposizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom huma parti l-Istati Membri jew il-Komunità; billi f'dak ir-rigward il-kliem ‘disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji’ fl-Artikolu 1(2) ikopru wkoll ir-regoli li, skond il-liġi, għandhom jgħoddu bejn il-partijiet kontraenti sakemm ma twaqqfux xi arranġamenti oħra;

[...]

Billi l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużawx klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi ma' konsumaturi minn bejjieġħ jew fornitur u li jekk, madankollu, dawn il-klawżoli jintużaw, m'għandhomx jorbtu lill-konsumatur, u l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawk il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi li jibqa' jeżisti mingħajr id-disposizzjonijiet inġusti.”

- 4 L-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva jipprevedi li:

“Il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji u d-disposizzjonijiet jew il-prinċipji ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom ikunu parti l-Istati Membri jew il-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport, m'għandhomx ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.”

5 L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 jistabbilixxi li:

“Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta’ *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.”

6 Skont l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva:

“Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta’ klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta’ kuntratt ieħor li jiddependi fuqu[.]

L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f’lingwaġġ sempliċi u ċar.”

7 L-Artikolu 6(1) tal-istess direttiva jgħid li:

“L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f’kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjieġh jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti.”

8 Skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f’kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjieġha jew fornituri.”

Id-dritt Ungeriż

Il-Liġi Fundamentali

9 L-Artikolu 25(3) tal-Alaptörvény (il-Liġi Fundamentali) jgħid li:

“Il-[Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija)] għandha tiżgura [...] l-uniformità tal-applikazzjoni tad-dritt mill-qrati u tagħti deċiżjonijiet fl-interess ta’ interpretazzjoni uniformi ta’ dispożizzjonijiet ta’ dritt li torbot lill-qrati.”

Il-Liġi DH 1

10 Skont l-Artikolu 1(1) tal-Kúriának a pénzügyi intézmények fogyasztói kölcsönszerződéseire vonatkozó jogegységi határozatával kapcsolatos egyes kérdések rendezéséről szóló 2014. évi XXXVIII. Törvény (il-Liġi Nru XXXVIII tal-2014 li Tirregola Materji Speċifiċi Relatati mad-Deċiżjoni tal-Kúria [(il-Qorti Suprema)] għall-Armonizzazzjoni tal-Ġurisprudenza dwar Kuntratti ta’ Self Konklużi mill-Istabbilimenti Finanzjarji mal-Konsumaturi, iktar ‘il quddiem il-“Liġi DH 1”):

“Din il-liġi għandha tapplika għall-kuntratti ta’ self konklużi mal-konsumaturi bejn l-1 ta’ Mejju 2004 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din il-liġi. Għall-finijiet ta’ din il-liġi, il-kunċett ta’ ‘kuntratti ta’ self konklużi mal-konsumaturi’ għandu jkopri l-kuntratti ta’ kreditu, ta’ self jew ta’ leasing finanzjarju bbażati fuq

muniti barranin (irreġistrati jew mogħtija f'munita barranija u rimborsati f'forint Ungeriżi [HUF]) jew fuq forint Ungeriżi u konklużi bejn istituzzjoni finanzjarja u konsumatur, jekk il-kuntratt ikun jinkorpora klawżoli kuntrattwali standard jew kwalunkwe klawżola kuntrattwali li ma tkunx għet innegojzjata individwalment, fis-sens tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 4(1)."

11 L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Liġi DH 1 jipprevedi li:

"1. F'kuntratti ta' self konklużi ma' konsumaturi, klawżoli – bl-eċċezzjoni ta' klawżoli kuntrattwali li jkunu ġew innegojzjati individwalment – li bis-saħħa tagħhom istituzzjoni finanzjarja tistipula li, għall-finijiet tar-rilaxx tal-flus intiżi għax-xiri tas-suġġett tas-self jew tal-leasing finanzjarju, għandha tapplika r-rata tax-xiri, u li, għall-finijiet tar-rimbors tad-dejn, għandha tapplika r-rata tal-bejgħ, jew rata tal-kambju differenti minn dik stabbilita meta jiġu rrilaxxati l-flus, ikunu invalidi.

2. Minflok il-klawżola nulla msemija fil-paragrafu 1 – bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 – għandha tapplika r-rata tal-kambju uffiċjali stabbilita mill-Bank Nazzjonali tal-Ungerija għall-munita barranija kkonċernata b'rabta mar-rilaxx tal-flus u r-rimbors tas-self (inkluż ir-radd lura ta' ħlasijiet bin-nifs u l-ispejjeż, it-tariffi u l-kummissjonijiet kollha espressi fil-munita barranija)."

12 L-Artikolu 4 tal-imsemmija liġi jistabbilixxi li:

"1. Fil-każ ta' kuntratti ta' self konklużi ma' konsumaturi li jipprevedu l-possibbiltà ta' emenda unilaterali, għandha titqies li hija inġusta kwalunkwe klawżola ta' tali kuntratt li tippermetti żieda unilaterali fl-interessi, fl-ispejjeż u fit-tariffi – sakemm ma tkunx kundizzjoni kuntrattwali nnegojzjata individwalment [...]

2. Klawżola kuntrattwali bħal dik imsemmija fil-paragrafu 1 tkun nulla jekk l-istituzzjoni finanzjarja ma tkunx ressqet proċedura ċivili kontenzjuża [...], jew jekk il-qorti tkun ċaħdet ir-rikors jew għalqet il-proċedura, sakemm ma jkunx possibbli li titressaq il-proċedura kontenzjuża [...], fir-rigward tal-klawżola kuntrattwali, iżda din il-proċedura ma tressqitx, jew tressqet iżda l-qorti ma kkonstatatx in-nullità tal-klawżola kuntrattwali skont il-paragrafu 2a.

2a. Klawżola kuntrattwali bħal dik imsemmija fil-paragrafu 1 tkun nulla jekk il-qorti tikkonstata n-nullità tagħha fuq il-bażi tal-liġi speċjali dwar il-bilanċ tal-kontijiet, fil-kuntest ta' proċedura kontenzjuża mressqa permezz ta' rikors ippreżentat mill-awtorità ta' sorveljanza fisem l-interess ġenerali.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u 2a, l-istituzzjoni finanzjarja għandha twettaq bilanċ tal-kontijiet mal-konsumatur skont id-dispożizzjonijiet ta' liġi speċjali."

Il-Liġi DH 2

13 L-Artikolu 37(1) tal-Kúriának a pénzügyi intézmények fogyasztói kölcsönszerződéseire vonatkozó jogegységi határozatával kapcsolatos egyes kérdések rendezéséről szóló 2014. évi XXXVIII. törvényben rögzített elszámolás szabályairól és egyes egyéb rendelkezésekről szóló 2014. évi XL. törvény (il-Liġi Nru XL tal-2014 dwar id-Dispożizzjonijiet li Jirregolaw il-Bilanċ tal-Kontijiet imsemmi fil-Liġi Nru XXXVIII tal-2014 dwar Suġġetti Speċifiċi marbuta mad-Deċiżjoni tal-Kúria [(il-Qorti Suprema)] li Tarmonizza l-Ġurisprudenza dwar Ftehimiet ta' Self konklużi bejn Istituzzjonijiet ta' Kreditu u Konsumaturi, u dwar Numru ta' Dispożizzjonijiet Oħra, iktar 'il quddiem il-"Liġi DH 2") jipprevedi li:

"B'rabta ma' kuntratti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi, il-partijiet jistgħu jagħmlu rikors lill-qorti għal dikjarazzjoni ta' invalidità tal-kuntratt jew ta' ċerti klawżoli tiegħu (iktar 'il quddiem 'invalidità parzjali') – irrispettivament mir-raġunijiet għal tali invalidità – biss jekk huma jitolbu li jiġu applikati l-konsegwenzi legali tal-invalidità, jiġifieri, dikjarazzjoni ta' validità jew ta' effettività

tal-kuntratt saż-żmien tal-adozzjoni tas-sentenza. Jekk ma jkunx hemm talba bħal din – u wara li tkun ingħatat u ma tteħditx l-opportunità ta' regolarizzazzjoni – ir-rikors ma jkunx ammissibbli u l-mertu tal-kawża ma jkunx jista' jiġi eżaminat. Jekk il-partijiet jitolbu li jiġu ddeterminati l-konsegwenzi legali ta' invalidità totali jew parzjali, huma għandhom jindikaw ukoll liema konsegwenza legali l-qorti għandha tapplika. Dwar l-applikazzjoni tal-konsegwenzi legali, il-partijiet għandhom iressqu talba espliċita, iddefinita kwantitattivament, li tkun tinkludi wkoll il-bilanċ tal-kontijiet bejniethom.”

Il-Liġi DH 3

- 14 Skont l-Artikolu 10 tal-az egyes fogyasztói kölcsönszerződések devizanemének módosulásával és a kamatszabályokkal kapcsolatos kérdések rendezéséről szóló 2014. évi LXXVII. Törvény (il-Liġi Nru LXXVII tal-2014 li Tirregola Diversi Materji Relatati mat-Tibdil tal-Munita Barranija li fiha Kuntratti ta' Self ma' Konsumaturi jkunu Ddenominati u mad-Dispożizzjonijiet b'Rabta ma' Interessi, iktar 'il quddiem il-“Liġi DH 3”):

“Fir-rigward ta' kuntratt ta' self b'ipoteca f'munita barranija jew ibbażat fuq munita barranija, l-istituzzjoni finanzjarja li lilha d-dejn ikun dovut hija meħtieġa, fit-terminu stabbilit għat-twettiq tal-obbligu tagħha li twettaq il-bilanċ tal-kontijiet skont [il-Liġi DH 2], tikkonverti f'self iddenominat f'forint Ungeriżi d-dejn kollu li jkun ibbażat fuq kuntratt ta' self b'ipoteca f'munita barranija jew ibbażat fuq munita barranija, jew id-dejn kollu li jirriżulta minn tali kuntratt, kif ikkalkolat fuq il-bażi tal-bilanċ tal-kontijiet imwettaq skont [il-Liġi DH 2], inklużi l-interessi, it-tariffi, il-kummissjonijiet u l-ispejjeż mitluba f'munita barranija, u dan billi tapplika r-rata miż-żewġ rati ta' interessi li ġejjin li

- a) ir-rata tal-kambju medja għall-munita barranija kkonċernata stabbilita uffiċjalment mill-Bank Nazzjonali tal-Ungerija fil-perijodu mis-16 ta' Ġunju 2014 sas-7 ta' Novembru 2014, jew
- b) ir-rata tal-kambju għall-munita barranija kkonċernata stabbilita uffiċjalment mill-Bank Nazzjonali tal-Ungerija fis-7 ta' Novembru 2014

l-iktar tkun favorevoli għall-konsumatur fid-data ta' referenza”.

- 15 L-Artikolu 15/A tal-imsemmija liġi jipprevedi li:

“1. Fi proċeduri pendenti li kienu tressqu għal dikjarazzjoni ta' invalidità (jew ta' invalidità parzjali) ta' kuntratti ta' self konklużi ma' konsumatur jew sabiex ikunu ddeterminati l-konsegwenzi legali tal-invalidità, id-dispożizzjonijiet relatati mal-konverżjoni f'forint Ungeriżi, stabbiliti minn din il-liġi, għandhom japplikaw ukoll għall-ammont tad-dejn tal-konsumatur li jirriżulta mill-kuntratt ta' self f'munita barranija jew ibbażat fuq munita barranija, ikkalkolat skont il-bilanċ tal-kontijiet imwettaq skont [il-Liġi DH 2].

2. L-ammont imħallas lura mill-konsumatur sad-data tas-sentenza għandu jnaqqas l-ammont tad-dejn tal-konsumatur espress f'forint Ungeriżi fid-data ta' referenza għall-bilanċ tal-kontijiet.

3. Meta kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur jiġi ddikjarat validu, id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali speċifiċi tal-partijiet li jirriżultaw mill-bilanċ tal-kontijiet skont [il-Liġi DH 2] għandhom ikunu stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi.”

Il-Liġi Hpt

- 16 L-Artikolu 213(1) tal-1996. évi CXII. törvény a hitelintézetekről és a pénzügyi vállalkozásokról (il-Liġi Nru CXII tal-1996 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Impriżi Finanzjarji, iktar 'il quddiem il-“Liġi Hpt”) jistabbilixxi li:

“Huwa null kull kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur li ma jsemmix

[...]

- c) l-ammont globali tal-ispejjeż marbuta mal-kuntratt, inklużi l-interessi, l-ispejjeż anċillari, kif ukoll il-valur annwali tagħhom, espress bħala perċentwali,

[...]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 17 Fl-24 ta' Mejju 2007, Z. Dunai kkonkludiet mal-bank kuntratt ta' self iddenominat fi franki Svizzeri (CHF), filwaqt li, skont dan l-istess kuntratt, is-self kellu jiġi rrilaxxat f'forint Ungeriżi (HUF), billi tiġi applikata r-rata tal-kambju CHF-HUF abbażi tar-rata tax-xiri applikata mill-bank f'dak il-jum, li wassal għal hla ta' HUF 14 734 000, fejn l-ammont tas-self fi franki Svizzeri kien ta' CHF 115 573. L-imsemmi kuntratt kien jipprevedi wkoll li r-rimborsi tas-self kienu ser isiru f'forint Ungeriżi, fejn ir-rata tal-kambju applikabbli kienet madankollu r-rata tal-bejgħ applikata mill-bank.
- 18 Ir-riskju tal-kambju marbut mal-varjazzjoni tar-rata tal-kambju tal-muniti kkonċernati, li wassal sabiex l-forint Ungeriż iddgħajef b'mod qawwi fil-konfront tal-frank Svizzeru, kien sostnut minn Z. Dunai.
- 19 Peress li l-partijiet fil-kawża prinċipali kienu kkonkludew l-imsemmi kuntratt permezz ta' att notarili, nuqqas min-naħa tad-debitur kien biżżejjed sabiex l-imsemmi kuntratt jakkwista saħħa eżekuttiva, fl-assenza ta' kwalunkwe proċedura kontenzjuża quddiem qorti Ungeriża.
- 20 Fit-12 ta' April 2016, in-Nutar ordna, fuq talba tal-bank, l-eżekuzzjoni forzata tal-kuntratt. Z. Dunai ppreżentat, quddiem il-qorti tar-rinviju, oppożizzjoni kontra din l-eżekuzzjoni forzata billi invokat in-nullità tal-kuntratt peress li dan ma jippreċiżax, bi ksur tal-Artikolu 213(1)(c) tal-Liġi Hpt, id-differenza fir-rati tal-kambju bejn ir-rata tal-kambju applikabbli waqt ir-rilaxx tal-flus u dik applikabbli waqt ir-rimbors tas-self.
- 21 Il-Bank talab iċ-ċaħda tal-oppożizzjoni.
- 22 Il-qorti tar-rinviju tindika li, fl-2014, il-leġiżlatur Ungeriż adotta diversi liġijiet dwar il-kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija u intiżi sabiex jimplimentaw deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema) mogħtija fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt ċivili, fuq il-bażi tal-Artikolu 25(3) tal-Liġi Fundamentali, wara s-sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282). Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kúria (il-Qorti Suprema) kienet, b'mod partikolari, qieset bħala inġusti klawżoli, bħal dik inkluża fil-kuntratt ta' self fil-kawża prinċipali, li jipprovdu li hija r-rata tax-xiri li tapplika waqt ir-rilaxx tal-flus, filwaqt li hija r-rata tal-bejgħ li tapplika għar-rimbors.
- 23 Skont il-qorti tar-rinviju, l-imsemmija liġijiet, applikabbli fil-kawża prinċipali, jipprevedu b'mod partikolari t-tneħħija, minn tali kuntratti, ta' klawżoli li jippermettu lill-bank japplika r-rati tiegħu stess tax-xiri u tal-bejgħ ta' munita barranija, kif ukoll is-sostituzzjoni tagħhom bir-rata tal-kambju uffiċjali stabbilita mill-Bank Nazzjonali tal-Ungerija għall-munita barranija korrispondenti. Dan l-intervent tal-leġiżlatur kellu jkollu l-konsegwenza li jelimina d-differenza bejn ir-rati tal-kambju differenti bbażati fuq dawn ir-rati.

- 24 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, minħabba din il-leġiżlazzjoni *ad hoc*, il-qorti adita ma tistax tikkonstata iktar l-invalidità tal-kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija peress li dan ġab fit-tmiem is-sitwazzjoni li twassal għal raġuni għal invalidità, u jwassal ukoll għall-validità tal-kuntratt, u konsegwentement, tal-obbligu tal-konsumatur li jsostni l-piż finanzjarju li jirriżulta mir-riskju tal-kambju. Peress li huwa preċiżament dan l-obbligu li minnu l-konsumatur irid jeħles billi jintroduċi talba kontra l-bank, ikun kontra l-interessi tiegħu li l-qorti tar-rinviju tqis validu l-imsemmi kuntratt.
- 25 Fl-opinjoni tal-qorti tar-rinviju, huwa ċar li l-leġiżlatur Ungeriż biddel espressament il-kontenut tal-kuntratti ta' self b'mod li jaffettwa d-deċiżjonijiet tal-qorti aditi f'sens favorevoli għall-banek. Hija tistaqsi jekk dan l-istat ta' fatt huwiex konformi mal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat lill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13.
- 26 Għal dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet li l-Kúria (il-Qorti Suprema) tista' tagħti fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt ċivili, fosthom, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni Nru 6/2013 PJE, tas-16 ta' Diċembru 2013, li timponi, skont il-qorti tar-rinviju, li l-kuntratti ta' self bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom jitqiesu validi, din il-qorti tindika li, waqt l-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet mill-Kúria (il-Qorti Suprema), la r-rimedju ġudizzjarju stabbilit mil-liġi u lanqas l-osservanza tar-rekwiżiti ta' proċedura ġusta ma huma żgurati. Issa, filwaqt li l-proċedura li tirregola l-adozzjoni tagħhom ma hijiex kontradittorja, l-imsemmija deċiżjonijiet huma vinkolanti fir-rigward tal-qorti aditi fi proċeduri kontenzjużi ta' natura kontradittorja.
- 27 Il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment, f'dan il-kuntest, għall-punti 69 sa 75 tal-Opinjoni dwar il-Liġi Nru CLXII tal-2011 dwar l-Istatus Ġuridiku u r-Remunerazzjoni tal-Qrati u l-Liġi Nru CLXI tal-2011 dwar l-Organizzazzjoni u l-Amministrazzjoni tal-Qrati tal-Ungerija, adottata mill-Kummissjoni ta' Venezia waqt id-90 sessjoni plenarja tagħha, li seħħet f'Venezia (l-Italja) fis-16 u fis-17 ta' Marzu 2012, li minnha jirriżulta li d-deċiżjonijiet mogħtija fl-Ungerija skont il-proċedura msejħa "ta' uniformità" jistgħu jiġu kkontestati mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali.
- 28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Budai Központi kerületi bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda, l-Ungerija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- "1) Il-punt 3 [tad-dispożittiv] tas-sentenza [tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai, C-26/13, EU:C:2014:282] għandu jinftehem fis-sens li l-qorti nazzjonali tista' tirrimedja l-assenza ta' validità ta' klawżola ta' kuntratt konkluż bejn professjonist [bejjiegħ jew fornitur] u konsumatur meta ż-żamma tal-kuntratt imur kontra l-interessi ekonomiċi tal-konsumatur?
- 2) Huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, ta' nondiskriminazzjoni, ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq li l-parlament ta' Stat Membru jemenda permezz ta' liġi kuntratti rregolati mid-dritt privat li jaqgħu taħt kategoriji analogi u konklużi bejn professjonist [bejjiegħ jew fornitur] u konsumatur?
- 3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domanda preċedenti, huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, ta' nondiskriminazzjoni, ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq li l-parlament ta' Stat Membru jemenda permezz ta' liġi partijiet ta' kuntratti ta' self b'munita barranija għall-finijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, iżda b'hekk jikkawża effett li jmur kontra l-interessi leġittimi tal-protezzjoni tal-konsumaturi sa fejn il-kuntratt ta' self jibqa' validu wara l-emendi u l-konsumatur għandu jkompli jsostni l-ispejjeż li jirriżultaw mir-riskju tal-kambju?

- 4) Fil-każ ta' kontenut li jirrigwarda l-kuntratti konklużi bejn professjonist [bejjiegħ jew fornitur] u konsumatur, huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq għal kull kwistjoni ta' dritt ċivili li l-kunsill responsabbli għall-uniformità tal-istanza ġudizzjarja l-iktar għolja ta' Stat Membru tiggwida l-ġurisprudenza tal-qorti adita permezz ta' 'deċiżjonijiet mogħtija fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt'?
- 5) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domanda preċedenti, huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq għal kull kwistjoni ta' dritt ċivili li l-kunsill responsabbli għall-uniformità tal-istanza ġudizzjarja l-iktar għolja ta' Stat Membru tiggwida l-ġurisprudenza tal-qorti adita permezz ta' 'deċiżjonijiet mogħtija fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt', meta l-ħatra tal-mħallfin li huma membri tal-kunsill responsabbli għall-uniformità ma tkunx twettqet b'mod trasparenti, skont regoli predeterminati, meta l-proċedura quddiem l-imsemmi kunsill ma tkunx pubblika, u meta ma jkunx possibbli li wieħed ikun jaf *a posteriori* l-proċedura segwita, jiġifieri l-perizja u x-xogħlijiet akkademiċi użati jew il-vot tad-diversi membri (opinjoni favorevoli jew kuntrarja)?"

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

- 29 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Jannar 2019, Z. Dunai talbet li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.
- 30 Insostenn ta' din it-talba, hija ssostni, essenzjalment, li l-Avukat Ġenerali esprima, fil-konklużjonijiet tiegħu, dubji dwar it-tifsira preċiża tar-raba' u tal-ħames domanda dwar id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Kúria (il-Qorti Suprema) fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt. F'dan ir-rigward, Z. Dunai tqis neċessarju li tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja deskrizzjoni tal-elementi li l-għarfien tagħhom huwa, fl-opinjoni tagħha, indispensabbli sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tifhem il-vera kwistjoni tal-imsemmija domandi, li tirrigwarda, b'mod partikolari, il-fatt li l-qراطي Ungeriżi ma għandhom ebda obbligu, la fil-prattika u lanqas bis-saħħa ta' regola tad-dritt nazzjonali, li ma jieħdux inkunsiderazzjoni deċiżjoni mogħtija fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt meta din tikser id-dritt tal-Unjoni.
- 31 Skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tista', wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx indirizzat mill-partijiet jew mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- 32 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tiddeċiedi. Hija tosserva, barra minn hekk, li l-elementi prodotti minn Z. Dunai ma jikkostitwixxux fatti ġodda fis-sens tal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel sat-tielet domanda

- 34 Permezz tal-ewwel sat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti adita milli tilqa' talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija bbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola tal-kuntratt li tobbliga lill-konsumatur iġarrab l-ispejjeż marbuta mad-differenza fir-rati tal-kambju bejn ir-rata tal-bejgħ u r-rata tax-xiri tal-munita kkonċernata, minkejja li din il-qorti tqis li ż-żamma tal-kuntratt tmur kontra l-interessi tal-konsumatur, peress li dan tal-aħħar ikompli effettivament iġarrab ir-riskju tal-kambju, ikkostitwit mill-piż finanzjarju relatat mal-possibbiltà li r-rata tal-kambju tal-munita nazzjonali, li sservi bħala munita ta' h̄las, tiddgħajef fil-konfront tal-munita barranija li fiha għandu jsir ir-rimbors tas-self.
- 35 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm l-ewwel sat-tielet domanda jirreferu biss għall-klawżola dwar id-differenza fir-rati tal-kambju bħala klawżola inġusta li tiġġustifika, skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-annullament tal-kuntratt ta' self, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li huwa sabiex teħles mir-riskju tal-kambju li l-persuna kkonċernata tinvoka n-natura inġusta ta' din il-klawżola. Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, fil-kawża prinċipali, il-kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' klawżola dwar ir-riskju tal-kambju għadha rilevanti, speċjalment peress li l-qorti tar-rinviju tista' tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' tali klawżola (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander u Escobedo Cortés, C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, sabiex il-qorti nazzjonali tingħata risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li għandha quddiemha, hemm lok li tingħata risposta għall-ewwel tliet domandi ukoll fil-kuntest tal-eżami ta' talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ibbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola dwar ir-riskju tal-kambju.
- 36 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-klawżola dwar id-differenza fir-rati tal-kambju inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-leġislazzjoni msemmija fl-ewwel tliet domandi tinkludi l-liġijiet DH 1, DH 2 u DH 3, kif esposti fil-punti 9 sa 14 ta' din is-sentenza, li ġew adottati wara l-konklużjoni tal-kuntratti ta' self li huma jkopru sabiex jimplimentaw deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema) mogħtija wara s-sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282). Dawn il-liġijiet jikklassifikaw, b'mod partikolari, bħala inġusti u nulli klawżoli dwar id-differenza fir-rati tal-kambju inklużi f'kuntratti ta' self kif iddefiniti fl-imsemmija liġijiet, u jissostitwixxu, b'effett retroattiv, dawn il-klawżoli bi klawżoli li japplikaw ir-rata tal-kambju uffiċjali stabbilita mill-Bank Nazzjonali tal-Ungerija għall-munita barranija korrispondenti, u, b'effett fil-futur, l-ammont tas-self li jkun għadu dovut b'self iddenominat fil-munita nazzjonali.
- 37 Għal dak li jirrigwarda dawn l-aħħar klawżoli, li saru, abbażi tal-imsemmija liġijiet, parti integrali b'mod retroattiv tal-kuntratti ta' self ikkonċernati, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punti 62 sa 64 tas-sentenza tagħha tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750), li tali klawżoli, li jirriflettu dispożizzjonijiet leġislattivi obligatorji, ma jistgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, peress li din id-direttiva ma tapplikax, skont l-Artikolu 1(2) tagħha, għall-kundizzjonijiet inklużi fil-kuntratt bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur li jkunu ddeterminati minn leġislazzjoni nazzjonali.
- 38 Madankollu, it-tliet domandi preliminari ma jikkonċernawx il-klawżoli kuntrattwali mdaħħla *a posteriori* mill-imsemmija leġislazzjoni fil-kuntratti ta' self bħala tali, iżda l-effetti ta' din il-leġislazzjoni fuq il-garanziji ta' protezzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 b'relazzjoni mal-klawżola dwar id-differenza fir-rati tal-kambju inkluża oriġinarjament fil-kuntratti ta' self ikkonċernati.

- 39 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li l-imsemmi Artikolu 6(1), jeżiġi li l-Istati Membri jipprevedu li l-klawżoli inġusti ma għandhomx jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jibqa' vinkolanti għall-partijiet skont l-istess termini, jekk ikun jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr il-klawżoli inġusti.
- 40 Sa fejn il-leġislatur Ungeriż sab rimedju għall-problemi marbuta mal-prattika tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li tikkonsisti fil-konklużjoni ta' kuntratti ta' self bi klawżoli dwar id-differenza fir-rati tal-kambju, billi emenda dawn il-klawżoli b'mod leġislattiv u billi ssalvagwardja, fl-istess ħin, il-validità tal-kuntratti ta' self, tali approċċ jikkorrispondi mal-għan imfittex mil-leġislatur tal-Unjoni fil-kuntest tad-Direttiva 93/13, u b'mod partikolari tal-Artikolu 6(1) tiegħu. Fil-fatt, dan l-għan jikkonsisti fl-istabbiliment mill-ġdid tal-ekwilibriju bejn il-partijiet, filwaqt li tinżamm, bħala prinċipju, il-validità tal-kuntratt b'mod ġenerali, u mhux li jiġu annullati l-kuntratti kollha li jkun fihom klawżoli inġusti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, *Pereničová u Perenič*, C-453/10, EU:C:2012:144, punt 31).
- 41 Madankollu, għal dak li jirrigwarda dan l-Artikolu 6(1), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li dan għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali ddikjarata inġusta għandha titqies, bħala prinċipju, li qatt ma eżistiet, b'mod illi hija ma jstax ikollha effett fil-konfront tal-konsumatur, bl-istabbiliment mill-ġdid, bħala konsegwenza, tas-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li l-konsumatur kien ikun fiha fl-assenza tal-imsemmija klawżola (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, *Gutiérrez Naranjo et*, C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punt 61).
- 42 Għalkemm l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix li l-Istati Membri jwaqqfu, permezz ta' leġislazzjoni, l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi minn bejjieġh jew fornitur, xorta jibqa' l-fatt li l-leġislatur għandu, f'dan il-kuntest, josserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 6(1) ta' din l-istess direttiva.
- 43 Fil-fatt, il-fatt li ċerti klawżoli kuntrattwali ġew, permezz ta' leġislazzjoni, iddikjarati inġusti u nulli kif ukoll issostitwiti bi klawżoli ġodda, sabiex l-kuntratt ikkonċernat ikun jista' jibqa' fis-seħħ, ma jstax ikollu l-effett li tiddgħajf il-protezzjoni ggarantita lill-konsumaturi, kif imfakkar fil-punt 40 ta' din is-sentenza.
- 44 F'dan il-każ, sa fejn ir-rikors ġie ippreżentat minn Z. Dunai fil-kuntest tal-klawżola dwar id-differenza fir-rati tal-kambju li kienet inkluża oriġinarjament fil-kuntratt ta' self konkluż mal-bank, hija l-qorti tar-rinvju li għandha tivverifika jekk il-leġislazzjoni nazzjonali li ddikjarat inġusti l-klawżoli ta' dan it-tip ippermettietx li tiġi stabbilita mill-ġdid, fid-dritt u fil-fatt, is-sitwazzjoni li Z. Dunai kienet tkun fiha fl-assenza ta' tali klawżola inġusta, b'mod partikolari billi tistabbilixxi dritt għall-ħlas lura tal-vantaġġi miksuba indebitament, għad-detriment tagħha, mill-bejjieġh jew mill-fornitur abbażi tal-imsemmija klawżola inġusta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, *Sziber*, C-483/16, EU:C:2018:367, punt 53).
- 45 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti adita milli tilqa' talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self ibbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola dwar id-differenza fir-rati tal-kambju, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm il-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' tali klawżola tippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li l-konsumatur kien ikun fiha fin-nuqqas ta' din il-klawżola inġusta.
- 46 Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda l-klawżoli dwar ir-riskju tal-kambju, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-punti 65 sa 67 tas-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, *OTP Bank, OTP Faktoring* (C-51/17, EU:C:2018:750), li l-kunsiderazzjonijiet imfakkra fil-punt 36 ta' din is-sentenza ma jfissrux li tali klawżoli huma, fl-intier tagħhom, esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, peress li l-emendi li jirriżultaw mill-Artikolu 3(2) tal-Liġi DH 1 u

mill-Artikolu 10 tal-Liġi DH 3 ma kinux intiżi li jiddeterminaw kompletament il-kwistjoni tar-riskju tal-kambju fir-rigward tal-perijodu bejn il-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' self inkwistjoni u l-konverżjoni tiegħu f'forints Ungeriżi, bis-saħħa tal-Liġi DH 3.

- 47 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tidher li titlaq mill-premessa li ma huwiex possibbli, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet DH 1, DH 2 u DH 3, li tannulla l-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali meta n-natura inġusta ta' klawżola dwar ir-riskju tal-kambju tkun ġiet ippruvat, u tistaqsi dwar jekk tali impossibbiltà hijiex konformi mal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13.
- 48 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar, it-tieni nett, li, għal dak li jirrigwarda l-klawżoli kuntrattwali dwar ir-riskju tal-kambju, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li tali klawżoli, sa fejn jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt ta' self, jaqgħu taħt l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 u jistgħu jaħarbu mill-evalwazzjoni tan-natura inġusta tagħhom fil-każ biss li l-qorti nazzjonali kompetenti tqis, wara eżami każ b'każ, li ġew ifformulati mill-bejjiegħ jew mill-fornitur b'mod ċar u li jinftehem (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank, OTP Faktoring, C-51/17, EU:C:2018:750, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 49 Jekk, it-tielet nett, il-qorti tar-rinviju tqis li l-klawżola dwar ir-riskju tal-kambju inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex redatta b'mod ċar u li jinftehem, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 4(2), hija għandha teżamina n-natura inġusta tal-imsemmija klawżola u, b'mod partikolari, tiskopri jekk din toħloqx, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide*, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt għad-detriment tal-konsumatur ikkunsidrat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus, C-421/14, EU:C:2017:60, punt 64).
- 50 Ir-raba' nett, għal dak li jirrigwarda l-konsegwenzi li għandhom jinsiltu min-natura eventwalment inġusta ta' tali klawżola, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jeżiġi, kif tfakkar fil-punt 39 ta' din is-sentenza, li l-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-klawżoli inġusti li jkun jinsabu f'kuntratt konkluż ma' konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur ma għandhomx jorbtu lill-konsumaturi, skont il-kundizzjonijiet previsti fid-dritt nazzjonali rispettiv tagħhom, u li l-kuntratt għandu jibqa' vinkolanti għall-partijiet skont l-istess termini, jekk ikun jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr il-klawżoli inġusti.
- 51 Għal dak li jirrigwarda, il-ħames nett, il-kwistjoni dwar jekk kuntratt ta' self bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandux jiġi annullat fl-intier tiegħu meta jiġi kkonstatat li jkun fih klawżola inġusta, għandu jiġi osservat, minn naħa, kif diġà tfakkar fil-punt 40 ta' din is-sentenza, li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 huwa intiż li jistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ bejn il-partijiet, u mhux li jiġu annullati l-kuntratti kollha li fihom klawżoli abbużivi. Min-naħa l-oħra, dan il-kuntratt għandu jibqa' validu, bħala prinċipju, mingħajr l-ebda modifika oħra ħlief għal dik li tirriżulta mit-tneħħija tal-klawżoli inġusti, sa fejn, skont ir-regoli tad-dritt intern, tali tkompli tal-kuntratt tkun legalment possibbli (sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus, C-421/14, EU:C:2017:60, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata), liema fatt għandu jiġi vverifikat skont approċċ oġġettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová u Perenič, C-453/10, EU:C:2012:144, punt 32).
- 52 Issa, f'dan il-każ, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 48 ta' din is-sentenza, il-klawżola dwar ir-riskju tal-kambju tiddefinixxi s-suġġett prinċipali tal-kuntratt. Għalhekk, f'tali każ, iż-żamma tal-kuntratt ma jidhix legalment possibbli, liema fatt madankollu għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.
- 53 F'dan ir-rigward, jidher li mill-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-Artikolu 37(1) tal-Liġi DH 2, timplika li l-konsumatur, meta jinvoka n-natura inġusta ta' kwalunkwe klawżola għajr dik dwar id-differenza fir-rati tal-kambju jew dik li tippermetti żieda unilaterali tal-interessi, tal-ispejjeż u tat-tariffi, għandu jitlob ukoll li l-qorti adita tiddikjara li l-kuntratt huwa validu sad-data tad-deċiżjoni tagħha. B'hekk, din id-dispożizzjoni tipprekludi, bi ksur tal-Artikolu 6(1)

tad-Direttiva 93/13, li l-konsumatur ma jkunx marbut mill-klawżola inġusta kkonċernata, jekk ikun il-każ, permezz tal-annullament tal-kuntratt ikkonċernat fl-intier tiegħu jekk dan il-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr l-imsemmija klawżola.

- 54 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punti 83 u 84), il-possibbiltà għall-qorti nazzjonali li tissostitwixxi klawżola inġusta b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplimentari sabiex il-kuntratt ikun jista' jibqa' fis-seħħ, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din il-possibbiltà hija limitata għall-każijiet fejn l-annullament tal-kuntratt fl-intier tiegħu tkun tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi, b'mod li dan tal-aħħar ikun ippenalizzat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander u Escobedo Cortés, C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643, punt 74, kif ukoll tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank, OTP Faktoring, C-51/17, EU:C:2018:750, punt 61).
- 55 Issa, fil-kawża prinċipali, mill-konstatazzjonijiet li saru mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li ż-żamma tal-kuntratt imur kontra l-interessi ta' Z. Dunai. Għalhekk, jidher li s-sostituzzjoni msemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza ma tistax tapplika f'din il-kawża.
- 56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel tliet domandi hija li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li:
- ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti adita milli tilqa' talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self ibbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola dwar id-differenza fir-rati tal-kambju, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm il-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' tali klawżola tkun tippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li l-konsumatur kien ikun fiha fin-nuqqas ta' din il-klawżola inġusta, u
 - jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti adita milli tilqa' talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self ibbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola dwar ir-riskju tal-kambju, meta jiġi kkonstatat li din il-klawżola tkun inġusta u li l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr l-imsemmija klawżola.

Fuq ir-raba' u l-ħames domanda

- 57 Permezz tar-raba' u tal-ħames domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u ta' smiġħ xieraq, jipprekludix, fid-dawl tal-għan tal-Unjoni li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, li l-qorti nazzjonali inferjuri jkunu formalment marbuta, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, mid-deċiżjonijiet ta' natura astratta u ġenerali mogħtija minn qorti suprema, bħall-Kúria (il-Qorti Suprema), fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt.
- 58 Qabelxejn, huwa minnu li, sabiex tesprimi d-dubbi tagħha dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-proċedura ta' uniformità inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment, fil-motivazzjoni tagħha insostenn tar-raba' u tal-ħames domanda tagħha, mhux biss għall-kompetenzi li għandha l-Unjoni sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni u għall-prinċipji fundamentali bħalma huma d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv u d-dritt għal smiġħ xieraq, iżda wkoll xi dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, bħall-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Madankollu, dawn id-domandi jirrigwardaw, b'mod ġenerali ħafna, l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja Ungeriża u l-mezzi prevista minnha sabiex tiġi ggarantita l-uniformità tal-ġurisprudenza nazzjonali.

- 59 Issa, kif osserva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 103 u 106 tal-konklużjonijiet tiegħu, minn naħa, jidher li huwa biss mill-bogħod ħafna li dan l-aspett jirrigwarda l-kawża prinċipali, li tirrigwarda t-talba ta' konsumatur sabiex jinħeles mill-kuntratt ta' self iffirmit minnu, minħabba n-natura inġusta ta' klawżola li tinsab fih, u, min-naħa l-oħra, jidher li mill-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li issa huma l-liġijiet DH 1, DH 2 u DH 3 li jorbtu lill-qorti Ungeriżi fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi kontra klawżoli inġusti bħal dawk fil-kawża prinċipali, u mhux id-deċiżjonijiet tal-Kúria (il-Qorti Suprema) dwar dan is-suġġett, peress li dawn il-liġijiet ġew adottati sabiex jiġu implimentati dawn id-deċiżjonijiet.
- 60 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jitqies għaldaqstant li, permezz tar-raba' u tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, tipprekludix li qorti suprema ta' Stat Membru tadotta, fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt, deċiżjonijiet vinkolanti fir-rigward tal-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' din id-direttiva.
- 61 F'dan ir-rigward, tista' tingħata risposta affermattiva għal dawn il-mistoqsijiet fil-każ fejn, minn naħa, dawn id-deċiżjonijiet ma jippermettux lill-qorti kompetenti tiżgura l-effett sħiħ tar-regoli tad-Direttiva 93/13 billi twarrab, jekk ikun il-każ *ex officio*, kull dispożizzjoni li tmur kontra l-leġislazzjoni nazzjonali, anki jekk adottata sussegwentement, inkluża kwalunkwe Prattika ġudizzjarja kuntrarja, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tneħħija minn qabel tagħhom permezz ta' miżuri leġislattivi jew ta' xi proċedura kostituzzjonali oħra, u, min-naħa l-oħra, jiġi mxekkel id-dritt li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2016, PFE, C-689/13, EU:C:2016:199, punti 34, 40 u 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 62 Issa, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-qorti tar-rinviju ma tistax twarrab tali deċiżjonijiet f'każijiet fejn hija tqis li dan ikun neċessarju sabiex jiġi żgurat l-effett sħiħ tad-Direttiva 93/13, u lanqas, kif turi din il-kawża, li hija ma tistax tressaq, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, talba għal deċiżjoni preliminari f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, ebda element fil-proċess ma juri li l-qorti tar-rinviju ma tistax, f'dan il-każ, toffri lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali rimedju effettiv għall-protezzjoni tad-drittijiet li hija tista' tislet minnhom.
- 63 Barra minn hekk, kif osserva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 113 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 68 tas-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander u Escobedo Cortés (C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643), li ma jistax jiġi eskluż li, fir-rwol tagħhom ta' armonizzazzjoni fl-interpretazzjoni tad-dritt u fl-interess taċ-ċertezza legali, il-qorti supremi ta' Stat Membru jistgħu, fl-osservanza tad-Direttiva 93/13, jistabbilixxu ċerti kriterji li fid-dawl tagħhom il-qorti inferjuri għandhom jeżaminaw in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali.
- 64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' u għall-ħames domanda hija li d-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, ma tipprekludix li qorti suprema ta' Stat Membru tadotta, fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt, deċiżjonijiet vinkolanti dwar il-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' din id-direttiva, sakemm dawn la jipprojbixxu lill-qorti kompetenti milli tiżgura l-effett sħiħ tar-regoli previsti fl-imsemmija direttiva u toffri lill-konsumatur rimedju effettiv għall-protezzjoni tad-drittijiet li huwa jista' jislet minnhom, u lanqas milli tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari f'dan ir-rigward, liema fatt madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

- 65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġihallu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li:
 - ma jipprekludix leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti adita milli tilqa' talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self ibbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola dwar id-differenza fir-rati tal-kambju, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm il-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' tali klawżola tkun tippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li l-konsumatur kien ikun fiha fin-nuqqas ta' din il-klawżola inġusta, u
 - jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti adita milli tilqa' talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self ibbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola dwar ir-riskju tal-kambju, meta jiġi kkonstatat li din il-klawżola tkun inġusta u li l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr l-imsemmija klawżola.
- 2) Id-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, ma tipprekludix li qorti suprema ta' Stat Membru tadotta, fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt, deċiżjonijiet vinkolanti dwar il-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' din id-direttiva, sakemm dawn la jipprojbixxu lill-qorti kompetenti milli tiżgura l-effett sħiħ tar-regoli previsti fl-imsemmija direttiva u toffri lill-konsumatur rimedju effettiv għall-protezzjoni tad-drittijiet li huwa jista' jislet minnhom, u lanqas milli tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari f'dan ir-rigward, liema fatt madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Firem